# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-16 ta' Jannar 2023**

**Rikors Numru : 249/2021 JPG**

**Kawza Numru : 21**

**WD**

**Vs**

**RZ (K.I. 0295493M)**

**U b'digriet tal-15 ta' Ottubru 2021 gew nominati Dr Yanica Bugeja u PL Nicolette Aquilina bhala kuraturi deputati sabiex jipprezentaw lil minuri KZ**

**Direttur Registru Pubbliku**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' WD datat 12 ta' Ottubru 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*1. Illi r-rikorrenti huwa guvni u l-intimata RZ hija xebba mhix mizzewga.*

*2. Illi l-attur kellu relazzjoni mal-konvenuta RZ u minn din ir-relazzjoni twieled tifel KZ f'X kif jirrizulta mill-anness certifikat Dok A;*

*3. Illi ir-relazzjoni bejn il-partijiet intemmet ftit wara li twieled il-minuri izda l-partijiet baqghu t-tnejn involuti fit-trobbija tal-minuri sa' Santa Maria tas-sena l-ohra meta l-intimat minghajr ebda raguni ma baqghetx thalli lir-rikorrenti jara aktar it-tifel; ir-ritratti dok B tal-Maghmudija u tal-pracett tal-istess minuri bir-rikorrenti u familjari prezenti jixhdu dan;*

*4. Illi r-rikorrenti kien jghaddi lill-intimata manteniment ghal minuri ta' hamsin ewro (€50) fil-gimgha kif ukoll ihallas nofs l-ispejjez tal-edukazzjoni u sahha tal-istess minuri u baqa jaghmel dan sas-sena l-ohra meta l-intimata cahdet lilu l-access ghal minuri;*

*5. Illi ghalkemm l-intimata RZ giet interpellata permezz ta' ittra ufficjali datata 11 ta' Gunju 2021 kif mitlub skond l-artikolu 86 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta debitament notifikata lill-konvenuta sabiex tipprezenta nota fejn tiddikjara li qed taqbel mar-registrazzjoni tal-attur bhala l-missier naturali tal-minuri, l-konvenuta baqghet inadempjenti; Dok C- kopja legali tal-ittra ufficjali bir-riferti).*

*6. Illi l-minuri gie registrat fir-Registru Pubbliku mill-intimata b'att tat-Twelid bin-numru tal-iskrizzjoni 4515 tas-sena 2012 taht missier mhux maghruf;*

*7. Illi l-attur ghandu interess li jirrikonoxxi l-minuri bhala l-wild naturali tieghu u li ghalhekk qed issir din l-kawza.*

*Ghaldaqstant l-esponenti titlob li dina l-Onorabbli Qorti ghar- ragunijiet hawn fuq premessi joghgobha:*

*A. Tiddeciedi u tiddikjara li l-minuri KZ huwa l-iben naturali tal-attur WD billi jekk ikun il-kaz tinnomina espert mediku sabiex isiru t-testifjiet genetici appoziti sabiex tigi stabbilita definittivament il-paternita tal-minuri;*

*B. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-Att tat-Twelid tal-minuri KZ numru tal-iskrizzjoni 4515 tas-sena 2012 jaghmel is-sostituzzjonijiet mehtiega billi fejn fl-Att hemm referenza ghall-konnotati ta' missier it-tarbija l-kliem unknown father jigu sostitwiti bis-segwenti konnotati: WD karta tal-identita*

*numru 445483M iben ED u MD xebba C imwieled Pieta fis-sebgha ta' Settembru tas-sena elf disgha mija u tlieta u tmenin (7.9.1983) u residenti s-Siggiewi u dan minbarra kull taghrif iehor mehtieg mill-intimat l-iehor id-Dipartiment tar-Registru Pubbliku.*

*C. Tordna lill-istess konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku halli wara li jsir l-emendi kollha mehtiega ai termini tat-talba precedenti u johrog att ta' twelid iehor hekk kif korrett.*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenuta RZ u l-konvenuti jew minn minnhom li huma ingunti in subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat in-Nota ta' Ammissjoni ta' RZ datata 16 ta' Novembru 2021 a fol 24;

Rat ir-risposta tad-Direttur Registru Pubbliku datata 22 ta' Novembru 2021, li taqra hekk:

*1. Illi fil-mertu, u b'referenza partikolari għall-paternità in kwistjoni tal-minuri KZ, l-esponent mhux edott mill-fatti li ġew iddikjarati mir-rikorrent fir-rikors ġuramentat u għaldaqstant qiegħed jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali u għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;*

*2. Illi stante s-suespost, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet ikkonċernati sabiex jissottomettu ruħhom għat-testijiet ġenetiċi kif provdut fl-Artikolu 100A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan sabiex jiġi vverifikat jekk l-attur huwiex verament il-missier naturali tal-minuri;*

*3. Illi fir-rigward tal-ewwel talba, l-esponent jissottometti illi l-attur għandu jitlob id-debita korrezzjoni sabiex l-isem 'RZ' jiġi sostitwit bl-isem 'WD';*

*4. Illi fir-rigward tat-tieni talba, f'każ li jintlaqgħu t-talbiet tal-attur minn din l-Onorabbli Qorti, l-esponent jistieden lill-attur sabiex permezz ta' nota jippreżenta d-dettalji personali kollha tiegħu, senjatament is-segwenti: (1) In-*

*numru tal-karta tal-identità tiegħu, (2) Ismu u kunjomu, (3) L-età tiegħu meta twieled il-minuri K, (4) Il-post tat-twelid tiegħu, (5) Il-post ta' residenza tiegħu meta twieled il-minuri K, (6) L-isem u l-kunjom ta' missieru, u (7) Jekk missier l-attur kienx għadu ħaj meta twieled il-minuri K. Tali informazzjoni hija meħtieġa sabiex eventwalment tkun tista' tiġi inserita fl-Att tat-Twelid tal-minuri, innumerat 4515/2012;*

*5. Illi fir-rigward tat-tielet talba attriċi, l-esponent ikun jista' joħroġ Att tat-Twelid illi jirrifletti l-korrezzjonijiet li jistgħu ikunu ordnati minn din l-Onorabbli Qorti kemm-il darba jitħallsu d-drittijiet ai termini tal-Ewwel Skeda tal-Kodiċi Ċivili;*

*6. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, il-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandu jassumi l-minuri;*

*7. Illi finalment, u dejjem mingħajr preġudizzju għas-surreferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u għalhekk huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;*

*8. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent li qiegħed jiġi nġunt in subizzjoni.*

Rat ir-rikors ta' Dr Yanika Bugeja datat 4 ta' Frar 2022, a fol 41, fejn talbet is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza.

Rat id-digriet taghha tas- 7 ta' Frar 2022 fejn laqghet it-talba ta' Dr Yanika Buegja;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuratur Dr Yanika Marie Bugeja  datat 4 ta' Frar 2022, a fol 44 li taqra:

1. *Illi l-esponenti kienu ricentement notifikati bir-rikors guramentat odjern.*
2. *Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jipprezentaw eccezzjonijiiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.*
   *Bl-ispejjes.*

Rat illi fl-udjenza tal-20 ta' Gunju 2022, l-Avukat Yanika Bugeja ghall-minuri iddikjarat li m'ghandhiex iktar provi x' tipproduci ghajr li riedet tippresenta nota ta' sottomissjonijiet qasira.

Rat illi Dr Bugeja inghatat ghaxart ijiem zmien sabiex tipprezenta n-nota.

Rat illi fl-udjenza tas- 16 ta' Novembru 2022, Dr Yanica Bugeja ma dehritx, u rat illi n-nota ma gietx prezentata u ghalqdaqstant il-Qorti ddikjarat maghluqa il-provi ta' Dr Bugeja u ddifferixxiet il-kawza ghas-sentenza.

Rat ir-rikors tal-attur datat 9 ta' Novembru 2022, rat ir-risposta tal-intimata u d-digriet ta' din il-Qorti illi irriservat illi tipprovdi dwar il-kunjom tal-minuri fis-sentenza finali.

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

Din hija kawza maghmula ai termini tal-Artikolu 86 tal-Kodici Civili, li jirregola l-azzjoni ta' filjazzjoni intavolata minn missier li jkun irid jirikonixxi tarbija li taghha hu jghid li hu l-missier. Dan l-artikolu jipprovdi s-segwenti:

> ***"(1) Iben jew bint imnisslin jew imwielda barra miż-żwieġ jistgħu jiġu magħrufin mill-ġenituri, sew mit-tnejn flimkien kif ukoll separatament:***
>
> ***Iżda meta l-persuna li tagħraf ruħha bħala l-ġenitur li ma wiledx hija minuri, l-għarfien huwa null:***
>
> ***Iżda wkoll l-għarfien ta' iben jew bint imwielda barra miż-żwieġ minn persuna li tgħid li tkun il-ġenitur li ma wiledx, li jsir separatament mill-ġenitur li wiled, ma jkollu ebda effett u ma jiġi xreġistrat kemm-il darba l-ġenitur l-aħħar imsemmi, jew il-werrieta tiegħu jekk dan ikun mejjet, u l-iben jew il-bint infushom jekk ikunu laħqu l-età, ma jkunux ġew notifikati b'ittra uffiċjali minn persuna li jkollha interess li fiha jkun hemm dikjarat li dik il-persuna tkun bi ħsiebha tapplika għar-***

***reġistrazzjoni ta' dak l-għarfien, u l-ġenitur li wiled jew il-werrieta tiegħu, kif ikun il-każ,u l-iben jew il-bint ma jkunux fi żmien xahrejn minn tali notifika, permezz ta' nota preżentata fl-atti tal-imsemmija ittra uffiċjali, qablu li ssir dik ir-reġistrazzjoni, f'liema każ dik l-ittra uffiċjali un-nota ta' ftehim li turi l-qbil għandhom jiġu notifikati lid-Diretturtar-Reġistru Pubbliku li għandu jirreġistra l-imsemmi għarfien fl-atti relattivi tal-istat ċivili:***

***Iżda wkoll meta l-ġenitur li wiled jew l-iben jew il-bint li jkollhom l-età ma jkunux kif hawn qabel imsemmi jaqblu ma' dik ir-reġistrazzjoni, kull persuna interessata tista' tmexxi b'rikors quddiem il-qorti kompetenti kontra l-persuna jew il-persuni li ma jkunux hekk qablu, biex il-qorti tiddikjara li l-persuna li tkun għamlet l-għarfien hija l-ġenitur li ma wiledx u biex tordna r-reġistrazzjoni ta' dak l-għarfien fl-atti relattivi tal-istat ċivili***

Mill-atti jirrizulta illi l-partijiet kienu involuti f'relazzjoni intima. Illi l-intimata weldet iben, f'X KZ, u dana kif jidher mill-att tat-twelid *a fol 5* tal-atti. Illi ormai il-minuri ghandu circa disa' (9) snin. Illi r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet intemmet ftit wara li twieled il-minuri. Kif jirrizulta mill-att tat-twelid esebit, il-minuri gie registrat mill-intimata bhala wild missier mhux maghruf.

Illi l-Qorti rat ukoll illi l-attur kien intavola l-ittra ufficjali ai termini tal-artikolu 86 tal-Kodici Civili nhar il-**11 ta' Gunju 2021**, liema ittra giet notifikata lill-intimata fis-**16 ta' Gunju 2021**. Illi l-proceduri odjerni gew intavolati mill-attur nhar it-**12 t'Ottubru 2021**. Illi fis- **16 ta' Novembru 2021** l-intimata intavolat nota ta' amissjoni fejn ammettiet u ddikjarat illi l-attur huwa l-missier naturali tal-minuri, b'dana illi tenniet illi l-ispejjez tal-proceduri odjerni ghandhom ikunu a karigu tal-attur.

Illi sussegwentement jidher illi l-attur rega intavola ittra ufficjali ohra ai termini tal-artikolu 86 tal-Kodici Civili, liema ittra ggib in-numru 105/2021 u datata 17 ta' Novembru 2021 (*Vide fol 37).* Illi din l-ittra giet notifkata lill-intimata nhar it-22 ta' Novembru 2021. Illi l-Qorti diga rat illi l-proceduri odjerni gew intavolati mill-attur nhar it-12 t'Ottubru 2021, b'dana illi t-tieni ittra u cioe dik datata 17 ta' Novembru 2021 giet intavolata **sussegwentement** ghall-proceduri odjerni. Illi filfatt u permezz ta' nota ta' ammissjoni datata 2 ta' Dicembru 2021, fl-atti tal-ittra ufficjali bin-numru 105/2021 datata 17 ta' Novembru 2021 *(vide fol 36 tal-atti),* l-intimata accettat u ddikjarat illi l-minuri huwa iben l-attur u talbet li kunjom il-minuri ikun ZD.

Jidher ukoll illi bejn l-intavolar tal-proceduri odjerni u l-ewwel seduta tal-20 ta' Jannar 2022, kien hemm l-intendiment li d-Direttur tar-Registru Pubbliku, wara l-ammissjoni da parti tal-intimata permezz tan-nota tat-2 ta' Dicembru 2021, jigi mgharref illi hemm qbil bejn il-partijiet li l-minuri jigi mgharraf bil-kunjom DZ, **izda dina l-ittra baqghet ma gietx iffirmata mill-avukat difensur tal-intimata.**

Illi l-Qorti rat illi skond dak maqbul bejn il-partijiet u l-avukati difensuri rispettivi taghhom, l-ebda parti ma pproduciet aktar provi u filfatt wara li giet trattata l-kawza, l-avukati difensuri stiednu lil din il-Qorti sabiex tghaddi ghas-sentenza.

Rinfaccata bin-nota ta' ammissjoni tal-intimata u dik fl-atti tal-ittra ufficjali bin-numru 105/2021, il-Qorti ma fadlilhiex wisq x'tikkunsidra. Dan qed jinghad il-ghaliex, minkejja l-assenza tat-testijiet genetici relattivi kif ritenut fl-artikolu 70A(3) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti ghandha l-fakulta' illi fin-nuqqas ta' tali provi, tikkunsidra kwalunkwe evidenza ohra pprezentata li dik il-Qorti tqis bħala relevanti, u ghalhekk din il-Qorti tistrieh fuq dak dikjarat mill-partijiet.

Fir-rigward tal-kunjom tal-minuri, din il-Qorti rat illi fil-udjenza tas- 6 ta' Lulju 2022, l-intimata omm irrilevat illi peress li l-minuri ormai ghandu ghaxar (10) snin, talbet illi l-kunjom tal-intimata jigi qabel dak tal-missier u dan biex ma jigix ma jkun hemm bdil radikali fil-kunjom tal-minuri li jista jaffettwah fil-hajja socjali tieghu. Illi Dr Yanica Bugeja ghall-minuri ma kellha l-ebda oggezzjoni ghal dan il-kunjom. Illi l-attur pero intavola rikors nhar id-9 ta' Novembru 2022, fejn sahaq illi huwa joggezzjona ghat-talba tal-intimata stante li tali talba mhiex gustifikata ghaliex dan kollu gabitu l-intimata b'idejha. Izid illi huwa ser jigi pregudikat b'dan kollu. Illi l-intimata prezentat risposta (*vide fol 61)* fejn tenniet illi tali kwistjoni giet solevata fl-interess tal-minuri li ormai ilu maghruf bil-kunjom Z ghal X snin shah. Tenniet illi jekk kunjom il-minuri jigi DZ dan ser jaffetwah anke ma' shabu. Izzid illi kienet ghazla tal-missier li jipprocedi bil-kawza meta t-tifel kien diga kellu disa' (9) snin. Din il-Qorti rat ukoll ir-risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku fejn stqarr illi hu mhuwiex edott mill-meritu.

Illi din il-Qorti tqis illi ma jkunx fl-ahjar interess tal-minuri illi, wara ghaxar snin li l-minuri ilu maghruf bil-kunjom Z, kunjomu jinbidel ghal DZ. Hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi jkun aktar ghaqli illi l-minuri jgib il-kunjom ZD, il-ghaliex b'hekk il-minuri ser jkun espost ghal ferm anqas misthija jew dizagu.

Rat illi fir-rigward tal-eccezzjoni numru 3, eccepieta mid-Direttur tar-Registru Pubbliku *vide fol*

*27 et seq)* hija ormai sorvolata bil-korrezzjoni ordnata minn din il-Qorti.

Rigward il-kap tal-ispejjez, il-Qorti rat illi l-kundanna ghall-hlas tal-ispejjez hija regolata mill-ligi u cioe l-artikolu 223 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi hekk:

> ***"(1) Kull sentenza definittiva għandha tikkundanna lit-tellief għall-ispejjeż.***
>
> ***(2) Fil-każijiet kollha, il-qorti tista' tordna li kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha, meta kull waħda mill-partijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawża, jew meta jindaħlu kwistjonijiet diffiċli tal-liġi, inkella għal xi raġuni tajba oħra."***

Il-Qorti rat illi l-attur intavola l-proceduri odjerni madwar disa' (9) snin wara t-twelid tal-minuri, b'dana illi jidher li s-sitwazzjoni antecedenti ghall-intavolar tal-proceduri *de quo,* minkejja li entrambi l-partijiet kienu a konoxxenza tal-paternita' vera tal-minuri binhom, **effettivament kienet wahda komda ghaz-zewg partijiet,** altrimenti, xi hadd mill-partijiet kien jintavola l-proceduri relattivi ferm qabel it-trapass ta' circa disa' (9) snin. Illi oltre minn hekk, l-intimata setghet facilment tirrispondi ghall-ewwel ittra ufficjali intavolata mill-attur u cioe dik datata 11 ta' Gunju 2021. Illi fid-dawl ta' dan il-fatt, din il-Qorti tqis illi l-partjiet D u Z ghandhom ibghatu l-ispejjez individwali taghhom filwaqt illi l-ispejjez tad-Direttur tar-Registru Pubbliku ghandhom jigu divizi ugwalment bejn D u Z.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba tal-attur u tiddikjara illi l-minuri K li twieled nhar l-X, u liema twelid gie registrat bl-att tat-twelid bin-numru 4515/2012 huwa l-iben naturali tal-attur WD;**

2. **Tilqa' t-tieni talba tal-attur u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet kollha necessarji fl-Att tat-Twelid tal-minuri K liema att ghandu n-numru 4515/2012 sabiex jirrifletti din il-verita' dwar il-paternita' tal-minuri fosthom: billi fil-kolonna fejn hemm indikat id-dettalji tal-missier, jigu kancellati l-kliem 'missier mhux maghruf' u minflok jigu nseriti isem u kunjom ir-rikorrenti u cioe WD detentur tal-karta tal-identita bin-numru 445483M imwieled Pieta; fil-kolonna "Eta'" b'referenza ghall-missier tal-minuri inizzel in-numru "28"; fil-kolonna Joqghodu", in kwantu jirrigwarda l-intestata**

**"Missier it-tarbija"  inizzel l-post "Siggiewi"; inizzel il-kliem "ED" (Alive)" fil-kolonna "Isem u Kunjom il-Missier u jekk hux haj jew mejjet";**

3. **Tilqa' it-tielet talba tal-attur u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex wara li jsiru l-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet kollha necessarji fl-Att tat-Twelid tal-minuri K, liema att ghandu n-numru 4515/2012, johrog att tat-twelid li jirrifletti l-verita' dwar il-paternita' tal-minuri u dana wara li jithallsu d-debiti drittijiet ai termini tal-Ewwel Skeda tal-Kodici Civili;**

4. **Tordna illi kunjom il-minuri K ghandu jigi sostitwit minn 'Z' ghal 'ZD.'**

**Tordna illi l-partijiet WD u RZ ghandhom ibaghati l-ispejjez individwali taghhom, filwaqt illi l-ispejjez tad-Direttur tar-Registru Pubbliku ghandhom jigu divizi ugwalment bejn WD u RZ.**

**Moqrija.**

**Mhallef  Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**